MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 1472/2010

**Atlas Insurance PCC Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Vittoriosa Gaming Limited abbazi tal-polza w tal-ligi**

**Vs**

**1. Transport Malta u b'digriet datat 22 ta' Ottubru, 2010 t-Tribunal ordna li kull fejn jirrikorri l-isem Transport Malta dan ghandu jigi korrett ghal Awtorita ghat-Trasport f'Malta;**

**2. Polidano Brothers Limited [C-8884] ;**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta attrici mressqa fl-10 ta' Settembru, 2010** u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet lill-konvenuti jhallasuha s-somma ta' tlett elef mitejn u ghoxrin euro u hames centezmi ta' euro [€3,220.05] u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-intimati jew min minnhom jigu kkundannati sabiex jhallsu s-somma komplessiva ta’ €3,220.05 lis-socjeta rikorrenti b’rizultat tat-traskuragni w negligenza tal-intimati jew min minnhom b’rizultat ta’ zewg incidenti li sehhew f’Marzu u Ottubru 2008 u li b’rizultat taghhom is-socjeta Vittoriosa Gaming Limited soffriet hsara fil-proprjeta taghha ghal liema hsara ghamlet tajjeb is-socjeta rikorrenti.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom li minn issa jibqaw ingunti ghas-subizzjoni taghhom”.

Ra **r-risposta tas-socjeta konvenuta Polidano Brothers Limited (C-8884)** minnha mressqa fl-4 ta’ Ottubru, 2010 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

i. Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-ligi.

ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li kwalunkwe xoghol li wettqet is-socjeta intimata wettqitu skond is-sengha u l-arti.

iii. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Ra **r-risposta ta’ l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta** minnha mressqa fil-15 ta’ Ottubru, 2010 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

i. Illi in linea preliminari, l-Awtorita konvenuta mhix il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, u dana kif ser jigi ppruvat fil-kawza;

ii. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tas-socjeta attrici koncernanti l-incident li sehh f’Marzu, 2008 huma

preskritti ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet kontra l-Awtorita konvenuta qed jigu respinti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dana kif ser jigi ppruvat fil-kawza;

iv. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni allegati u pretizi qed jigu kkuntestati u ghandhom jigu ppruvati;

v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal datat 22 ta' Ottubru, 2010 fejn il-kawza thalliet ghal provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti (fol. 10);

Ra r-rikors tas-socjeta attrici pprezentat fl-14 ta' Jannar, 2011 fejn talbet li t-Tribunal jisma din il-kawza u l-kawza fl-ismijiet Vittoriosa Gaming Limited vs Transport et (Avviz Nru. 1631/10) kontestwalment. Ra li t-Tribunal laqgha din it-talba bid-digriet tieghu datat 17 ta' Jannar, 2011;

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn Dott. Noella Sciriha b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni taghha [recte: tas-socjeta minnha rapprezentata] iddikjarat li l-artikolu tal-ligi li kienet qeghda ticcita ghar-rigward tal-preskrizzjoni huwa l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Din is-sentenza tirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla miz-zewg konvenuti f'dawn il-proceduri.

2. **Lawrence Formosa**, *claims manager* mas-socjeta attrici xehed fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2011. Huwa esebixxa kopja tas-*subrogation form* iffirmata mis-socjeta Vittoriosa Gaming Limited u dan wara li din ta' l-ahhar kienet thallset ghal claim li kienet ghamlet. Huwa jghid ukoll li l-ammont li huma hallsu kien ta' €3,220.05. Ghar-rigward ta' l-ispedizzjoni ta' xi ittra ufficjali mis-socjeta attrici, dan ix-xhud ighid li huma bhala socjeta ma kienux baghtu pero l-Vittoriosa Gaming Limited kienet baghtet ittra ufficjali.

3. **Mark Paretti**, *maintenance manager* mas-socjeta Vittoriosa Gaming Limited stqarr li s-*subrogation form* immarkata bhala dok. LF1 (fol. 27) ma saritx minnu pero kien iffirmaha l-*General Manager* tieghu quddiemu stess.

4. Xehed ukoll **Gordon Zammit**, Perit mal-Awtorita konvenuta li qal li fil-kaz in ezami "*... l-ewwel darba illi l-Awtorita qatt irceviet xi dokumenti jew semghet xi haga fil-kaz minghand Atlas Insurance kienet permezz tal-avviz tat-talba in kwistjoni*" (fol. 22).

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Iz-zewg konvenuti f'dawn il-proceduri jsostnu li l-azzjoni tentata mis-socjeta attrici hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Dan l-artikolu tal-ligi jaqra hekk:

**2153.** L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta'sentejn.

7. Skond il-provi mressqa u d-dokumentazzjoni esebita sa issa jirrizultaw is-segwenti fatti:

i. Is-socjeta attrici tallega li l-konvenuti jew minn minnhom ikkawzaw danni b'rizultat tat-traskuragni u negligenza taghhom b'rizultat ta' zewg incidenti li sehhew f'Marzu u f'Ottubru, 2008;

ii. B'rizultat ta' dawn l-incidenti, s-socjeta Vittoriosa Gaming Limited soffriet hsara fil-proprjeta taghha ghal liema hsara ghamlet tajjeb is-socjeta attrici;

iii. Is-socjeta Vittoriosa Gaming Limited kienet resqet *claim* mas-socjeta attrici u l-istess socjeta attrici hallset din l-istess *claim* skond il-polza tal-assikurazzjoni ezistenti;

iv. Il-*claim* totali kienet ghal izjed minn sitt elef euro (€6,000) pero, peress li kien hemm certu limitazzjonijiet fil-polza tal-assikurazzjoni thallset biss nofs il-*claim* u cioe l-ammont ta' tlett elef mitejn u ghoxrin euro u hames centezmi ta' euro (€3,220.05);

v. Is-socjeta attrici qatt ma baghtet ittra ufficjali lill-konvenuti;

vi. Giet iffirmata *subrogation form* fit-2 ta' Dicembru, 2009 u li permezz taghha s-socjeta attrici giet "*... subrogated to all our legal rights and remedies*" (fol. 27);

vii. Is-socjeta attrici kienet dahlet fid-drittijiet tas-socjeta Vittoriosa Gaming Limited li din ta' l-ahhar kellha a bazi tal-polza numru 94130/240/001 "... *in respect of rain water ingress due to road works in full and final settlement whether now or hereafter to become manifest arising directly or indirectly from events which occurred on the 1 October 2008*" (fol. 27). F'dik l-istess *subrogation form* inghad ukoll li "*Atlas Insurance PCC Limited are fully discharged of any liability and that no further claims in respect of this incident will be made*" (fol. 27).

viii. Fis-26 ta' Ottubru, 2009 giet ipprezentata ittra ufficjali bin-numru 3886/09 mis-socjeta Vittoriosa Gaming

Limited kontra l-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta, id-Dipartiment tal-Kuntratti u Polidano Brothers Limited. Din l-ittra ufficjali giet notifikata lill-ahhar imsemmija tlett persuni fid-29 ta’ Ottubru, 2009;

8. L-argument principali mressaq mill-konvenuti huwa li s-socjeta attrici qatt ma resqet ittra ufficjali kontrihom qabel il-perkors ta’ sentejn mill-event dannuz, liema perjodu huwa stipulat fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-Awtorita konvenuta fil-fatt resqet ix-xhieda tal-Perit Gordon Zammit biex tikkonferma dan. Il-konvenuti jghidu li huma gew notifikati b’att gudizzjarju ghal ewwel darba meta rcevew t-talba odjerna. Skond ir-riferti l-konvenuti ircevew it-talba odjerna, li giet intavolata fl-10 ta’ Settembru, 2010, fit-28 ta’ Settembru, 2010.

9. Is-socjeta attrici da parti taghha tghid li galadarba giet iffirmata s-surroga, hija dahlet fi-zarbun ta’ l-assigurat taghha u kull haga li ghamel l-assigurat taghha allura hija tibbenefika minnu. Hi fil-fatt taghmel referenza ghall-ittra ufficjali datata 26 ta’ Ottubru, 2009 liema ittra ufficjali giet notifikata lill-intimati fid-29 ta’ Ottubru, 2009.

10. Minn qari tat-talba odjerna, jirrizulta bl-aktar mod car li s-socjeta attrici qeghda tallega li l-konvenuti, jew minn minnhom huma responsabbli ghal zewg incidenti li sehhew l-ewwel wiehed f’Marzu, 2008 u t-tieni wiehed f’Ottubru, 2008.

11. Mill-atti ghalhekk ghandu jirrizulta li ghar-rigward ta’ l-incident li sehh f’Ottubru, 2008 ma hemmx kwistjonijiet tal-perentonjeta ta’ l-azzjoni. Is-sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kienu ghadhom ma ghaddewx meta giet intavolata l-kawza.

12. Il-problema hi dwar l-incident li sehh f’Marzu, 2008. Il-konvenuti jghidu li s-sentejn minn meta sehh l-incident sakemm gew intavolati dawn il-proceduri mis-socjeta attrici ghaddew filwaqt li s-socjeta attrici tghid li hija ghandha dritt tuzufruwixxi mill-ittra ufficjali mressqa mis-socjeta Vittoriosa Gaming Limited fis-26 ta’ Ottubru, 2009 notifikata lill-imsemmija konvenuti fid-29 ta’ Ottubru, 2009

a bazi tas-surroga li giet iffirmata minn din l-ahhar socjeta msemmija u hi.

13. It-Tribunal jibda biex jirrileva illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni hu kuntratt *sui generis* bejn l-assigurat u l-assigurazzjoni. L-assigurazzjoni tiehu riskju minflok l-assigurat taghha u ta' dan tigbor l'hekk imsejjah "*premium*" u ta' dak il-"*premium*" taghti servizz lill-assigurat li kemm-il darba dak l-event isehh allura l-persuna li tkun assigurata tithallas jew tad-dannu jew ghas-somma miftiehma.

14. Wahda mill-funzjonijiet tas-surroga hija li tissalvagwardja tat-terz milli jhallas darbtejn ghall-istess event dannuz, wiehed minn ghand l-assigurazzjoni u l-iehor minghand il-persuna li tkun ikkawzat id-dannu.

15. Is-surroga, ghalhekk, hija l-konsegwenza naturali tal-kuncett ta' l-indennizz illi tifforma bazi integrali tal-kuntratt ta' l-assigurazzjoni. Din id-dottrina giet zviluppata fil-ligi Ingliza taht il-*Law of Equity*.

16. Issa, l-ligi taghna tikkontempla l-hlas bis-surroga fl-Artikoli 1164 u 1167 tal-Kodici Civili. Is-surroga tista' tkun wahda legali jew konvenzjonali. Il-Qrati taghna sostnew illi gialadarba d-ditta ta' l-assigurazzjoni ghamlet tajjeb ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident u hallsithom, kif kienet obbligata li taghmel skond il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni vigenti, allura ghab-bazi tas-subartikolu (c) ta' l-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili s-surroga issir *ipso iure*[1].

17. Ghalhekk hekk kif isir il-hlas mis-socjetà ta' l-assigurazzjoni lill-assigurat taghha ghab-bazi tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, l-assigurat jitlef id-dritt ta' azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkagunat id-dannu u dan peress illi hekk kif isir dan il-hlas, issir is-surroga *ipso iure* u kwindi d-

---

[1] Ara d-decizjoni fl-ismijiet ***Hugh Zammit noe vs. Joseph Spiteri***, deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru,1993 (Cit. nru: 1196/1984/JSP) [mhux pubblikata] u dik fl-ismijiet ***Edgar Galea noe vs. John Tanti***, deciza mill-Prim'Awla fis-16 ta' Dicembru,1991 (Cit. nru: 1478/1982/AJM) [mhux pubblikata].

drittijiet kollha ta' l-assigurat, inkluz ghalhekk id-dritt tieghu ta' l-azzjoni, jghaddu a favur ta' l-assigurazzjoni. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Capitano Joseph L. Muscat noe vs Giuseppe Mizzi et noe**[2] deciza nhar il-25 ta' Novembru, 1929 sostniet, b'silta mill-**Vivante**, illi, "*L'assicurato che fu risarcito del danno non ha più azione contro il colpevole perchè non ha alcun interesse di far valere contro di lui; se potesse riscuotere ad un tempo la somma assicurata e chiedere risarcimento dal colpevole pel medesimo danno, sarebbe indenizzato due volte e l'assicurazione procurerebbe un indebito lucro. L' altra parte il terzo, colpevole del sinistro, non deve approfittarsi del contratto di assicurazione cui é rimasto estraneo, e pel quale non ha pagato alcun premio, e perciò deve rispondere del danno verso l'assicuratore ce piglia il posto dell'assicurato*."

18. Fil-kawza li ggib l-isem ta' **Untours Insurance Agents Limited noe vs. Salvatore Zarb**[3] intqal li, "*in tema ta' assigurazzjoni kontra d-danni … s-surroga ta' assiguratur fid-drittijiet ta' l-assigurat iggib successjoni partikolari fil-kreditu bit-trasferiment lill-assiguratur tad-drittijiet li kellu l-assigurat naxxenti ex-delicto kontra min ikkagonalu d-dannu. B'konsegwenza, l-assgurazzjoni hi legittimata li tagixxi bis-sahha tas-surroga kontra t-terz kolpevoli. Dan ifisser illi bis-surroga l-assigurazzjoni takkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assigurat, bl-istess kontenut u limiti li fihom kienu dawn l-istess drittijiet fil-mument tas-surroga. Ghaldaqstant l-assigurazzjoni tissubentra fl-identika posizzjoni, sostanzjali u processwali, tad-danneggjat di fronte ghad-danneggjant*."

19. Ghalhekk, in vista tas-suespost, it-Tribunal ma jistax jaqbel ma dak sottomess mill-konvenuti ghar-rigward ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontrihom mis-socjeta Vittoriosa Gaming Limited u cioe li din ma hijiex applikabbli u ta' beneficcju ghas-socjeta attrici.

---

[2] Volum **XXVII-III-492**;

[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Civili, Inferjuri) fl-20 ta' April, 2005 [App. Civ. Nru: 2095/2003/PS].

20. Jirrizulta minn qari ta’ l-istess ittra ufficjali bin-numru 3886/09 mressqa mis-socjeta Vittoriosa Gaming Limited fis-26 ta’ Ottubru, 2009 (fol. 24) li l-incident li sehh f’Marzu, 2008 ma jissemmiex direttament. Jirrizulta pero minn qari ta’ l-istess ittra ufficjali li filwaqt li s-socjeta Vittoriosa Gaming Limited taghmel referenza ghax-xogholijiet li kienu qeghdin isiru fi Triq San Lawrenz, gewwa l-Birgu hija tghid ukoll hekk “*Il-mittenti tirreferi ukoll ghall-incident illi sehh fl-1 ta’ Ottubru, 2008 meta a kawza ta’ dan in-nuqqas da parti taghkom, kwantita kbira ta’ ilmijiet tax-xita dahlu fil-proprjeta tal-mittenti mit-triq imsemmija u kkawzaw hsarat u danni estensivi*” (fol. 24). Il-kelma “ukoll” fil-kuntest li ntuzat fl-ittra ufficjali msemmija, hija fil-fehma tat-Tribunal bizzejjed sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni ghar-rigward ta’ l-incident li kien sehh f’Marzu, 2008.

21. Illi ghalhekk bis-surroga ffirmata fit-2 ta’ Dicembru, 2009 bejn is-socjeta attrici u s-socjeta Vittoriosa Gaming Limited, l-istess socjeta attrici dahlet fid-drittijiet kollha ta’ din l-ahhar socjeta ghar-rigward ta’ l-incident li sehh fl-1 ta’ Ottubru, 2008. Is-surroga f’dan ir-rigward tghid “*In view of this payment Atlas Insurance PCC Limited are subrogated to all our legal rights and remedies*” (fol. 27). Ghalhekk, din l-ittra ufficjali hija ta’ beneficcju ghas-socjeta attrici u interrompiet il-preskrizzjoni ghar-rigward ta’ l-incident li sehh – dejjem skond ma tallega s-socjeta attrici – f’Marzu, 2008.

22. Diga rajna li t-Tribunal ma ghandux ghalfejn joqghod jidhol fil-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta’ l-incident li sehh fl-1 ta’ Ottubru, 2008 l-ghaliex il-kawza odjerna giet intavolata u nnotifikata lill-konvenuti qabel ma lehaq ghadda t-terminu ta’ sentejn minn din id-data msemmija.

23. Ghalhekk, u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenuti fir-risposti rispettivi taghhom ma tistax tintlaqa u konsegwentement sejrin jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed:

a) jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mill-Awtorita konvenuta fir-risposta taghha datata 15 ta' Ottubru, 2010;

b) jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mis-socjeta konvenuta fir-risposta taghha datata 4 ta' Ottubru, 2010;

Bl-ispejjez ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet jinqasmu ugwalment bejn il-konvenuti.

Konsegwentement it-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------